MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 39/2014

Emanuel Stellini

Vs

Carmela Bugeja

It-Tribunal,

Ra, l-avviz prezentat mill-attur fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef, mitejn u wiehed u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€ 3251.67) dovuti lil attur bhala spejjes inkorsi fil-kawza Joseph Stellini vs Carmel Stellini bin-numru 74/1990. Dan bl-ispejjez kollha, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Ra' r-risposta tal-konvenuta, fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi dwar l-ispejjes tal-prim istanza l-attrici gia hallset shema filwaqt illi dwar l-ispejjes ta' l-appell hija qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex isir l-istess appell; u sussidjarjament eccpiet illi l-ammont reklamat minn l-attur huwa eccessiv u esagerat.

Ra’ l-verbal u n-nota ta’ l-attur tat-13 ta’ Marzu 2015 li permezz tieghu irriduca it-talba tieghu ghal €2260.60.

Sema’ x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u ra’ t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra’ l-atti kollha tal-kawza.

Ra’ d-digriet tieghu tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi din hija kawza fejn wiehed mill-atturi f’kawza qed iffittex attur iehor ghal spejjes li ghamel hu fil-kawza.

Illi dwar l-ispejjes tal-prim istanza jidher illi ma hemmx kontestazzjoni. Fit-trattazzjoni taghha l-abbli difensur tal-konvenuta iddikjarat dan. Dan jirrizulta wkoll minn ittra esebita bhala dok CB4 datata 28 ta’ Awissu 2013, fejn ghalkemm hemm disputa dwar l-ammont dovut hemm qbil illi l-ispejjes tal-prim istanza ghandhom jigu mhallsa.

Jirrizulta illi l-pretensjoni dwar il-prim istanza tal-kawza hija ta’ € 3441.16 (ara fol 19). Sehem il-konvenuta minn dawn huwa ta’ setima parti cioe €491.59.

Jirrizulta pero illi Carmela Bugeja gia kienet hallset sehema mill-periti gudizzjarji fis-somma ta’ Lm 177 (ara dok CB1) liema dritt huwa fost dawk reklamati fir-rendikont esebit minn l-attur fejn dawk id-drittijiet li taghhom jippretendi l-hlas huma mmarkati b’cirku fuq it-taxxa esebita a fol 22. Id-drittijiet tal-periti gudizzjarji huma fost dawk hemm markati. L-ammont imhallas mill-konvenuta konvertit ghal l-ewro jammonta ghal € 412.29.

Id-dritt tar-registru li l-konvenuta tghid li hallset minnu, u li tieghu esebiet ricevuta, ma ghandux jidhol f’dan il-kaz ghax l-attur mhux qed jirreklama hlas ghalieh.

Ghalhekk il-bilanc dovut minn l-attrici ghal l-ispejjes tal-prim istanza jammonta ghal € 79.30.

Jifdal il-kwistjoni dwar l-ispejjes inkorsi fl-appell li huma spejjes kemm gudizzjarji kif ukoll extra gudizzjarji. L-konvenuta laqghet ghal din it-talba billi eccepiet illi hi qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex isir dan l-appell. Anzi fix-xhieda taghha tghid li kienet kontra. L-attur jghid il-kuntrarju. Mill-provi mressqa, jirrizulta illi l-attrici ma kienetx kuntenta li jsir appell. L-attur jghid li hu kien javza lil ommu u ommu kienet tghidilha. Similment tixhed Emily Muscat, li pero izzid li f'okkazzjoni partikolari kienu marru jkellmuha fuq il-kawza, u kemm l-konvenuta kif ukoll zewgha irrabjaw maghhom. Gregory Stellini jghid illi ommu kienet tinforma lill-ahwa b'dak li jkun qed jigri. L-omm illum hija mejta. Kontro ezaminat Gregory Stellini jghid illi hu ma jafx jekk ohtu tatx il-kunsens sabiex isir l-appell. Jghid li hu ma kellimiex. In kontro ezami Emily Muscat tghid illi lill-konvenuta kienu marru jinfurmawha li ser isir appell. Wara tghid illi kienet cemplitilha. Tghid li l-konvenuta kienet irrabjat. Ma tiftakarx jekk kienetx tat il-kunsens biex isir l-appell jew le.

L-unika prova li l-konvenuta tat xi forma ta' kunsens biex isir l-appell hi dak li jghid l-attur in kontro ezami fejn dan jghid illi l-konventa meta giet infurmata li ser isir l-appell irrispondietu li hi ma kelliex flus, izda imbghad la tinqata l-kawza, seta' jehodhom bl-imghax ukoll. Dan jikkuntrasta ferm ma dak li xhedu x-xhieda l-ohra fejn jghidu li l-konvenuta kienet tkun irrabjata meta jsemmula l-kawza. Jikkuntrasta wkoll ma dak li jixhed fl-ezami tieghu meta jghid li kienet tkun ommu l-messaggier dwar il-kawza.

Dan it-Tribunal hu konvint illi l-konvenuta ma tatx il-kunsens taghha biex isir l-appell, anzi jemmen illi ma xtaqitx li dan isir. Dan ikompli jigi kkonfermat mill-fatt illi fl-appell l-konvenuta kuntrarjament ghal l-ahwa l-ohra, ma tpoggietx fost il-lista tan-nies biex jigu notifikati bl-atti u filwaqt li r-riferti esebiti juru n-notifika ta' l-ahwa l-ohra, riferta tal-konvenuta ma hemmx. Dan jikkonferma illi min orkestra l-appell ma tantx ried lill-konvenuta tkun taf bih.

In oltre jigi osservat illi l-kunsens sabiex isiru affarijiet ta' certa serjeta bhal ma huma atti gudizzjarji ghandu jkun kunsens li jirrizulta car u mhux xi kunsens tacita bhal ma jrid qisu jaghti l-impressjoni li kien hemm l-attur.

Ghaldaqstant l-konvenuta ma ghandha tbaghti l-ebda spejjes ghal dak l-appell li sar kontra ir-rieda taghha, minkejja li hi iddahlet fih.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi limitatament jilqa' t-talba attrici, u jilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenuta sakemm kompatibbli ma dan; jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disgha u sebghin Ewro u tletin centezmu (€ 79.30). Fic-

cirkostanzi fejn it-talba ta’ l-attur qed tintlaqa negligibilment, l-ispejjes ta’ din il-kawza jithallsu kollha minn l-attur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------